ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 22** **IT-TNEJN 7 TA' OTTUBRU 2013**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tnejn 7 ta' Ottubru 2013 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-7.20 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Sitt Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Margaret Mercieca, Antoine Saliba Haig, u Sean Meli.

Il-Kunsilliera Robert Reno Cremona, Jerome Caruana Cilia, u Jason Busuttil infurmaw li ma setgħux jattendu minħabba impenji oħra. Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina u l-Kunsillier Charles Farrugia attendew għall-attivita' li kien mistieden għaliha l-Kunsill Lokali.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba.

**22/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 21**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 21 li nżammet nhar it-Tnejn 9 ta' Settembru 2013, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Sitt** Kunsilliera (6) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 21 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**22/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**22/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li ċ-ċerimonja tat-tifkira tal-anniversarju ta' Ġuze Muscat Azzopardi ser issir fit-13 ta' Ottubru 2013 fl-10.30am f'Misraħ il-Kittieba fejn ser jiġi inawgurat ir-restawr tal-istess monument.

**22/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li nhar li fit-13 ta' Ottubru wkoll se jkun hemm kxif ta' rħama kommemorattiva li tfakkar lil Manwel Dimech fi Triq il-Kbira. Għal din iċ-ċerimonja se jattendi l-Prim Ministru filwaqt li se jiġi vvarat ktieb miktub minn Fr Mark Montebello.

**22/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill irċieva s-sentenza tal-appell li għamel kontra d-deċizjoni tal-MEPA fir-rigward tal-applikazzjoni ta' zvilupp taz-zona tal-ex-Lowenbrau fejn il-Kunsill rebaħ l-appell fejn l-applikant ġie mitlub iħallas is-somma ta' Eur95,000 fil-Urban Improvement Fund.

**22/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-ħaddiema tal-HSBC (fergħa ta' Ħal Qormi) għamlu xogħol volontarju fil-komunita' fil-librerija Reġjonali ta' San Bastjan. Is-Sindku faħħret din l-inizjattiva li saret għat-tieni darba minn dawn il-ħaddiema, u ħeġġet biex entitajiet oħrajn li joperaw mill-lokalita' jieħdu inizjattivi simili.

**22/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li Transport Malta għadha kif lestiet ix-xogħlijiet ta' bankini ġodda fi Triq Manwel Dimech. Is-Sindku Rosianne Cutajar sostniet li dawn il-bankini saru wara talba mill-Kunsill.

**22/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill għandu s-sala ta' taħt it-teatru Grieg fi Ġnien De La Cruz jinsab mimli bi *scaffolding* u armar ieħor li kellu jservi biex isir presepju mekkanizzat permanenti. Is-Sindku Rosianne Cutajar kompliet li dan ix-xogħol beda fis-sena 2008 u kellu jkun lest fi żmien sentejn. Is-Sindku Rosianne Cutajar sostniet li l-Kunsill għandu problema ta' spazju fejn qed ikollu jirrikorri għall-iskejjel u postijiet oħrajn biex jorganizzaw korsijiet meta fil-verita' għandu sala li izda ma tistax tintuża minħabba li din kienet ingħatat lill-Għaqda Dilettanti tal-Presepji. Il-Kunsill iddeċieda nem.con biex jikteb lil din l-għaqda sabiex tiżgombra din is-sala peress li huma abbandunaw dan il-proġett.

**22/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li bl-inizjattiva tal-Kunsillier Sean Meli, beda jiltaqa' il-Qormi Business Forum fejn kien hemm attendenza ta' madwar 40 rappreżentant mill-qasam tal-Business f'Ħal Qormi. Is-Sindku Rosianne Cutajar sostniet li l-Kunsill beda jisma l-problemi u suġġerimenti ta' dan is-settur u ser ikun ta' spalla fejn ikun possibli li jgħin fil-problemi li qed jiffaċċjaw fejn l-aktar problema komuni hija dik tat-traffiku.

**22/02/08** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-proġett tal-*Heritage Trail* jinsab għaddej b'ritmu tajjeb ħafna fejn beda x-xogħol fuq il-bandli f'tal-Blat, minbarra li x-xogħol fuq il-ħitan tas-sejjiegħ u l-passaġġi avvanza wkoll**. Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ikkummenta li qed jirċievi xi ilmenti mis-sidien tal-egħlieqi minħabba li ingħalaq l-aċċess. Is-Sindku Rosianne Cutajar irrispondiet li dan l-għeluq kien inevitabbli minħabba li ried isir ix-xogħol fil-passaġġ prinċipali tal-wied għalkemm dawn il-bdiewa xorta kellhom toroq oħrajn minn fejn jgħaddu.

**22/02/09** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li saret laqgħa mal-Ministeru tal-Infrastruttura u t-Trasport li huwa responsabbli mill-Proġett ta' kontra l-għargħar sabiex jiġi assigurat li l-kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħlijiet ikun ippreparat f'każ ta' maltemp. Il-Ministeru sostna li għandu pjan ta' kontinġenza fl-eventwalita' ta' maltemp.

**22/02/10** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-Bord tal-Appell rigward l-offerta ta' Ġbir ta' Skart Goff se jżomm seduta fil-15 ta' Ottubru li għaliha għandhom jattendu kull min kien fil-Bord tal-Aġġudikazzjoni rispettiv.

## 22/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' SETTEMBRU 2013

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Settembru 2013, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Settembru 2013
**b)** *Bank Payments* Settembru 2013.
**c)** *Petty Cash* Settembru 2013.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Sean Meli** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Sitt** Kunsilliera (06) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva** l-pagamenti kollha.

**22/04 MOZZJONIJIET**

**22/04/01 MOZZJONI – 78-2013(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet din il-mozzjoni:**

*“Peress li l-Kunsill Lokali Qormi ilu jirċievi ilmenti dwar in-nuqqas ta’ sigurta fil-junction ta’ bejn Triq il-Kbira u Triq San Bastjan*

*U billi s-sitwazzjoni tat-traffiku f’din iż-żona saret waħda ta’ periklu kostanti u f’riskju li jinħolqu aċċidenti*

*U peress li is-saħħa u s-sigurta tar-residenti tal-lokal hija l-għola prijorita’ tal-Kunsill Lokali;*

*Nipproponi li l-Kunsill Lokali Qormi iressaq għall-approvazzjoni tat-Transport Malta biex jiġi attwat it-traffic management design anness ma’ din il-mozzjoni, ippreparat mill-Perit tal-Kunsill sabiex f’din iż-żona jitnaqqas il-periklu li ġġib magħha din il-junction ta’ Triq il-Kbira ma’ Triq San Bastjan.”*

**DOK “B”**

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi issekonda din il-mozzjoni.**

**Il-Kunsillier Ralph Puli** xtaq jirreġistra li huwa kien qed jivvota favur bir-riserva fejn huwa xtaq li qabel ma’ din it-*traffic management* tiġi implimentata issir konsultazzjoni. **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** wkoll xtaq jikkumenta li huwa kien qed jivvota favur bir-riserva li kemm jista’ jkun ma jintilfux postijiet ta’ parkeġġ. **Il-Kunsillier Sean Meli** qabel li ssir konsultazzjoni.

**Ivvutaw Favur Sitt (6) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-mozzjoni 78-2013 (VI).**

Il-Kunsill għandu jgħaddi din il-proposta lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħha qabel tiġi implimentata.

**22/04/02 MOZZJONI – 79-2013(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar stiednet lill-Kunsillier Antoine Saliba Haig sabiex jaqra il-mozzjoni mressqa minnu:**

*“Peress li l-Kunsill Lokali Qormi ilu jirċievi ilmenti dwar il-periklu li toħloq il-junction bejn Triq l-Imdina u Triq Karmenu Camilleri u Triq Guze Cardona.*

*Nipproponi li l-Kunsill Lokali Qormi iressaq għall-approvazzjoni tat-Transport Malta biex jiġi attwat it-traffic management design anness ma' din il-mozzjoni, ippreparat mill-Perit tal-Kunsill sabiex f'din iż-żona jitnaqqas il-periklu li ġġib magħha din il-junction msemmija hawn fuq."*

**DOK "C"**

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Sitt (6) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-mozzjoni 79-2013 (VI).**

Il-Kunsill għandu jgħaddi din il-proposta lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħha qabel tiġi implimentata

**22/04/03 MOZZJONI – 80-2013(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar stiednet lill-Kunsillier Ralph Puli sabiex jaqra il-mozzjoni mressqa minnu:**

*"Billi l-Kunsill Lokali Qormi huwa kommess li joffri kwalita ta' ħajja aħjar lir- residenti f'Ħal Qormi;*

*U billi s-sitwazzjoni tat-traffiku f'Ħal Qormi saret waħda diffiċli ħafna minħabba l- fatt lit-traffiku jeħel għal tul ta' ħin f'numru ta' postijiet b'konsegwenzi għas-saħħa u s-sigurta tar-residenti tal-lokal;*

*Nipproponi li l-Kunsill Lokali Qormi:-*

*B'mod immedjat iħejji pjan sħiħ rigward is-sitwazjoni tat-traffiku f'Ħal Qormi biex jiġu ndirizzati dawk iż-żoni fejn ta' kuljum jeħel it-traffiku prinċipalment fi Triq l- Imdina inti u nieżel lejn Triq Manwel Dimech u Pjazza San Franġisk int u sejjer lejn Triq il-Mitħna u anke l-inħawi ta' Triq Valletta u l-madwar.*

*Dan il-pjan għandu jirrakomanda direzzjonijiet, sinjali, traffic lights u numru ta' soluzzjonijiet oħra li joffru 'traffic management' aħjar għal Ħal Qormi u sigurta akbar lir-residenti tiegħu. Il-Kunsill Lokali għandu wkoll ifittex u jinsisti għall-għajnuna tal-Gvern Ċentrali f'dan ir-rigward.*

*B'dan il-mod inkunu qed noffru kwalità ta' ħajja aħjar għar-residenti kollha ta' Ħal Qormi billi nnaqqsu t-traffiku li jeħel ta' kuljum fi Triq l-Imdina, Triq San Bartilmew, Triq San Bastjan, Triq il-Vitorja, Triq il-Kbira, Triq Valletta, Triq il- Mithna u numru ta' toroq oħra."*

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ssekondat l-mozzjoni. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** sostniet li hija kienet qed tissekonda din il-mozzjoni għaliex taqbel li għandu jsir titjib fit-*traffic management*, iżda tħoss li minflok ma jsir pjan li jiswa eluf ta' ewro u li mbagħad jintefa' fuq xkafa, tippreferi li jiġu ddentifikati zoni fejn jista' jsir titjib u jiġu ppreżentati mozzjonijiet fil-Kunsill bi proposti konkreti ta' *traffic management* ġdid kif sar proprju fil-mozzjonijiet preċedenti nru 78/2013 u 79/2013.

**Ivvutaw Favur Sitt (6) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-mozzjoni 80-2013 (VI).**

Il-Kunsill għandu jiddetermina postijiet li fihom qed ikun hemm problem ta' traffiku u jitlob lill-perit sabiex jagħmel proposti sabiex itejjeb is-sitwazzjoni.

**22/04/04 MOZZJONI – 81-2013(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar stiednet lill-Kunsillier Ralph Puli sabiex jaqra il-mozzjoni mressqa minnu:**

"*Billi l-Kunsill Lokali Qormi huwa kommess li joffri ħajja ta' serħan il-moħħ lill-familji, tfal, żgħażagħ u anzjani residenti f'Ħal Qormi;*

*U billi l-Kunsill Lokali Qormi huwa kommess li t-toroq f'Ħal Qormi jintużaw b'mod sigur kif jixraq miċ-ċittadini onesti;*

*Nipproponi li l-Kunsill Lokali Qormi*

*Jistudja alternattivi/proposti biex tkun tista' taqsam b'mod sigur fi Triq San Bastjan permezz ta' installazjoni ta "traffic lights" jew modi oħra biex innaqqsu l-periklu kbir li jeżiżisti llum biex taqsam minn din it- triq.*

*Jistudja alternattivi/proposti biex jiġu implimentati miżuri li jikkontrollaw is-sewqan eċċessiv li hu ta' periklu kbir biex taqsam minn din it-triq."*

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ssekondat l-mozzjoni. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** sostniet li hija kienet qed tissekonda din il-mozzjoni għaliex taqbel li għandu jsir pelican lights fi Triq San Bastjan u fakkret lill-Kunsill li fil-prezent il-Kunsill għandu talba għal *Pelican Lights* f'din it-triq quddiem Transport Malta. Is-Sindku Rosianne Cutajar kompliet li l-mozzjoni nru 78/2013 li ressqet hi, wkoll tikkontribwixxi biex jitnaqqas il-periklu li jeżisti llum f'din it-triq.

**Ivvutaw Favur Sitt (6) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-mozzjoni 81-2013 (VI).**

Il-Kunsill għandu jgħaddi din il-proposta lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħha qabel tiġi implimentata.

**22/04/05 MOZZJONI – 82-2013(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet din il-mozzjoni:**

*"Peress li l-attivita' Lejlet f'Casal Fornaro kompliet tikber fil-popolarita' tagħha;*

*Peress li l-gvern centrali fl-aħħar sentejn naqqas l-allokazzjoni għal din l-attivita' ghal Eur4,000.*

*Nipproponi li l-Kunsill Lokali Qormi jħallas l-ispejjeż relatati mas-Servizz tal-Pulizija u/jew gwardjani lokali liema spiża ma teċċedix l-Eur1,000."*

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig issekonda din il-mozzjoni.**

**Ivvutaw Favur Sitt (6) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-mozzjoni 82-2013 (VI).**

**22/04/06 MOZZJONI – 83-2013(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet din il-mozzjoni:**

*"Peress li ż-żona ta' bejn iċ-ċimiterju u l-piċċ tal-futbol fi Triq il-Belt Valletta konstantament hija żona vittma ta' kull tip ta' abbużi, fosthom skart u pparkjar illegali ta' containers;*

*Peress li dawn l-abbużi qed ikunu ta' detriment tas-saħħa għat-tfal li jattendu n-nursery fl-istess akkwata;*

*Peress li s-saħħa u s-sigurta tac-cittadini hija l-ogħla prijorita tal-Kunsill;*

*Nipproponi li din iż-żona ssir tisbiħ taż-żona li jinkludi f'underground Bring in Site, u faċilitajiet oħrajn li jikkumplimentaw ż-żona sportiva, liema proġett isir b'konsultazzjoni ma' Qormi FC li għandhom il-faċilitajiet biswit devoluti lilhom.*

*Nipproponi li l-Kunslil japplika MEPA għall-permessi ħalli ix-xogħol preparatorju jkun lest għal meta toħroġ miżura applikabbli minn GAL XLOKK jew xi skema oħra ta' finanzjament ewropej jew sorsi governattivi oħrajn."*

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig issekonda din il-mozzjoni.**

**Ivvutaw Favur Sitt (6) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-mozzjoni 83-2013 (VI).**

**22/05 RAPPORTI**

**22/05/01 APPLIKAZZJONIJIET LILL-MEPA (DNO) – QASAM TAD-DJAR F'TA FARSINA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet pjanti dwar tisbiħ tas-soft areas u l-madwar tal-oqsma tad-djar f'Ta' Farsina, sabiex il-Kunsill japplika għall-permessi tal-MEPA (DNO).

**DOK 'D'**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex jiġi approvat dawn il-pjanti.

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Sitt (06) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill approva unanimament dawn l-pjanti u jista' japplika għall-permess tal-MEPA.**

**22/05/02 APPLIKAZZJONIJIET LILL-MEPA (DNO) – SOFT AREA FI TRIQ IS-SAJF**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet pjanti dwar tisbiħ tas-soft area/masġar fi Triq is-Sajf, sabiex il-Kunsill japplika għall-permessi tal-MEPA (DNO) ħalli jkun jista' japplika għall-fondi tal-GAL XLOKK taħt il-miżura 413.A5, kif ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti.

**DOK 'E'**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex jiġi approvat dawn il-pjanti.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Sitt (06) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill approva unanimament dawn l-pjanti u jista' japplika għall-permess tal-MEPA sabiex il-Kunsill jkun jista' japplika għall-fondi tal-GAL XLOKK fil-miżura dwar tisbiħ ta' żoni mitluqa.**

**22/05/03 SEJĦA GĦALL-KWOTAZZJONIJIET : ONLINE STREAMING**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** informa lill-Kunsill li din is-sejħa għalqet fit-4 ta' Ottubru 2013 fejn kien hemm erba' offerti. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li għad irid isir rapport tekniku dwar dawn l-kwotazzjonijiet li għandu jitressaq fil-laqgħa li jmiss sabiex il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jieħu deċiżjoni.

**DOK "F"**

**22/06 KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'G1-4'**

1. Korrispondenza mingħand GAL XLOKK dwar il-miżura 413.A5 li ħarġet dwar tisbiħ ta' postijiet mitluqa fir-rurali. Il-Kunsill kien diġa iddeċieda fil-laqgħa preċedenti biex jsir tisbiħ tas-soft area ta' Triq is-Sajf iżda peress li għad hemm dubju kemm din tkun eliġibbli, il-Kunsill ħa japplika wkoll biex issir manutenzjoni u tisbiħ ta' Sqaq Awżara peress dan jinsab fir-rurali. Il-Kunsill qabel nem.con sabiex japplika għand il-MEPA biex iġġib il-permess DNO biex ikun jista' japplika għal dan il-proġett ukoll.

2. Talba mingħand resident fi Triq il-Ħelsien sabiex il-*Pelican Lights* li hemm biswit Triq ir-Rebbiegħa timxi għal blokk li jmiss fejn hemm l-istatwa ta' San Ġorġ. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma' dan is-suġġeriment iżda qabel li minflok issir *pedestrian crossing* fuq ir-*road hump* li hemm fl-istess parti. Il-Kunsill għandu jressaq il-proposta lill-Transport Malta.

3. Korrispondenza mingħand *Transport Malta* dwar id-*diversions* li saru riċentament minħabba l-għeluq ta' Triq il-Mitħna. Is-Sindku irrimarkat li minn mindu bdew dawn id-diversions il-ġodda bil-preżenza ta' uffiċjal ta' *Transport Malta* fi Triq il-Belt Valletta, it-traffiku qed jimxi ħafna aħjar.

**22/07 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 4 ta' Novembru 2013 fis-6.30 ta’ filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-08:25 ta’ fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta’ ....................... 2013.
(Jum) (Data) (Xahar)